**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 8 ta' Mejju, 2002.

Kump nru: 358/02

Il-Pulizija,
(Spettur Martin Sammut)
vs
Mark Anthony Cardona u
Sandra lee Camenzuli.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra l-imputati:

Mark Anthony Cardona ta' 25 sena, bin Joseph u Alice née Cutajar, imwieled fit-30 ta' Awissu 1977 San Giljan, u joqghod 'Maria', Triq Tumas Dingli, B'Kara, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 449277(M), u,

Sandra-Lee Camenzuli ta' 23 sena, bin Anthony Camenzuli u May née Caruana, mwielda fis-16 ta' Novembru 1978 fl-Awstralja, u toqghod 'Adonai', Triq Clare E. Engel, San Giljan, detentura tal-Karta ta' l-Identita` numru 107887(M).

Akkuzati talli:

Nhar it-8 ta' April 2002, f'xi hin bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghodu minn gewwa l-Garden View Complex, Triq is-Sidra, Swieqi, kkomettew serq ta' diversi oggetti u cioe` 'television' tal-marka 'Grundig', kittla, 'toaster', u set tat-telefon tal-marka 'Alcatell', ghal valur komplessiv ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000, u dan ghad-dannu ta' Giuliano Aquilina u bosta persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, hin, lok u l-persuna, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 268, 269, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati rregistraw ammissjoni volontarja u nkondizzjonata fuq l-iskorta ta’ liema l-Qorti qeghdha issibhom hatja tal-akkuzi kollha riportati rispettivement kontra taghhom.

Rat, ghal fini ta’ piena, l-fedina penali rispettiva taghhom u accertat illi r-rifurtiva giet restitwita;

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f)(d), 263, 264, 267, 268, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(2);

Tiddeciedi li tapplika kontra z-zewg imputati l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 u tpoggihom taht il-harsien tal-‘Probation Officer’ Michele Sultana skond l-annessa formola li ghandha tifforma parti integrali ta’ dan il-gudikat.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-‘tape’.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)**

**ORDNI TA' 'PROBATION'**

**(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 5 U 11 TAL-KAPITOLU 152 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)**

Il-Qorti:

Billi Mark Anthony Cardona ta' 25 sena, bin Joseph u Alice née Cutajar, imwieled fit-30 ta' Awissu 1977 San Giljan, u joqghod 'Maria', Triq Tumas Dingli, B'Kara, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 449277(M), u,

Sandra-Lee Camenzuli ta' 23 sena, bin Anthony Camenzuli u May née Caruana, mwielda fis-16 ta' Novembru 1978 fl-Awstralja, u toqghod 'Adonai', Triq Clare E. Engel, San Giljan, detentura tal-Karta ta' l-Identita` numru 107887(M),

**(hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjha 'il-hatja') gew illum misjub hatja talli:**

Nhar it-8 ta' April 2002, f'xi hin bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghodu minn gewwa l-Garden View Complex, Triq is-Sidra, Swieqi, kkomettew serq ta' diversi oggetti u cioe` 'television' tal-marka 'Grundig', kittla, 'toaster', u set tat-telefon tal-marka 'Alcatell', ghal valur komplessiv ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000, u dan ghad-dannu ta' Giuliano Aquilina u bosta persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, hin, lok u l-persuna, bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 268, 269, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U billi il-Qorti jidhrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hatja, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta' 'Probation';

U billi fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk jonqsu li jharsu din il-Ordni jew jaghmlu xi reat iehor ***matul il-perjodu ta'sena (1) mil-lum*** ikunu jistghu jigu kkundannati ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja wrew lí jridu jharsu l-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni;

Ghalhekk tordna li l-hatja,  li joqghodu jew ghandhom joqghodu:
*Mark Anthony Cardona ta' 25 sena, bin Joseph u Alice née Cutajar, imwieled fit-30 ta' Awissu 1977 San Giljan, u joqghod 'Maria', Triq Tumas Dingli, B'Kara, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 449277(M), u,*

*Sandra-Lee Camenzuli ta' 23 sena, bin Anthony Camenzuli u May née Caruana, mwielda fis-16 ta' Novembru 1978 fl-Awstralja, u toqghod 'Adonai', Triq Clare E. Engel, San Giljan, detentura tal-Karta ta' l-Identita` numru 107887(M), jkun ghall-perijodu ta' sena (1) mil-lum, taht is-sorveljanza ta' l-Ufficjal tal-'Probation' Michele Sultana li qed tigi maghzula ghal dan il-fini, u tordna wkoll li l-hatja, ghall-perijodu fuq imsemmi ghandhom jharsu wkoll il-kondizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:*

1. Li huma ghandhom jgibu ruhhom tajjeb u jghaddu hajja ta' bzulija.

2. Li huma ghandhom jgharrafu minnufih lill-Ufficjal tal-'Probation' b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol taghhom;

3. Li huma ghandhom jzomm ruhhom f'kuntatt ma' l-Ufficjal tal-'Probation' skond id-direttivi li taghtihom minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-'Probation'; u partikolarment li huma ghandhom, jekk l-Ufficjal tal-'Probation' jkun hekk iridu, jircievu zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-'Probation' fid-dar taghhom.

Zieda ma' din l-Ordni:—

Xejn.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Illum: 8 ta' Mejju 2002.

Firma tal-hati: ______________________.

Isem: Mark Anthony Cardona 449277(M)

Firma tal-hatja ______________________.

Isem:  Sandra-Lee Camenzuli 107887(A)

Sue Fenech,
Deputat Registratur.